VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,897, 30 ta' Marzu, 2012
Taqsima B

A.L. 105 tal-2012

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA (KAP. 174)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Energija, it-Transport u s-Servizzi Postali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-settur tal-Ilma, l-Energija, it-Transport u s-Servizzi Postali, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-settur tal-Ilma, l-Energija, it-Transport u s-Servizzi Postali , hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 174.06

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2012.

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-Regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "€412,000" għandhom jidħlu l-kliem "€400,000"; u

(b) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "€5,150,000" għandhom jidħlu l-kliem "€5,000,000".

Jemenda r-regolament 61 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 61 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, minflok il-kliem "€412,000" għandhom jidħlu l-kliem "€400,000"; u

(b) fis-subregolament (2) tiegħu, minflok il-kliem "€412,000" għandhom jidħlu l-kliem "€400,000".